MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 237/2009

**Bitmac Works Limited (C 15559)**

**vs**

**Penza Tarmac Limited (C 22138)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat 10 ta' Marzu 2009 fejn gie premess:

1. Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' erbatax-il elf tliet mija u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€14,383.21) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar fuq kont kurrent li s-socjeta' konvenuta kellha miftuha mas-socjeta' attrici b'konnessjoni ma' diversi fornituri ta' materjali ghall-asfaltar tat-toroq u prodotti konnessi u dana kif jirrizulta mill-anness statement of account u invoices rispettivament numerati BIT1,BIT2 u BIT3;

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta’ attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

3. Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont, hija baqghet inadempjenti u ma halsitx;

4. Dawn il-fatti huma mgharufa lill-esponenti personalment;

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk is-socjeta attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza *ai termini* tal- artikolu 167 *et seq* tal-Kap.12 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ erbatax-il elf tliet mija tlieta u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€14,383.21) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar fuq kont kurrent li s-socjeta’ konvenuta kellha miftuha mas-socjeta’ attrici b’konnessjoni ma’ diversi forninturi ta’ materjali ghall-asfaltar tat-toroq u prodotti konnessi u dana kif jirrizult mill-anness statement of account u invoices rispettivament numerate BIT1, BIT2 u BIT3.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kontestwalment prezentat, *oltre* l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta rapprezentanti ta’ liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat li s-socjeta' intimata Penza Tarmac Limited debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2009 fejn Hector Camilleri ghas-socjeta' attrici bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont rikjest baqa' kollu dovut.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat billi:

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erbatax-il elf tliet mija tlieta u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€14,383.21) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar fuq kont kurrent li s-socjeta' konvenuta kellha miftuha mas-socjeta' attrici b'konnessjoni ma' diversi forrituri ta' materjali ghall-asfaltar tat-toroq u prodotti konnessi u dana kif jirrizult mill-anness statement of account u invoices rispettivament numerate BIT1, BIT2 u BIT3.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat, *oltre* l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------